



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 157/25

il-Lussemburgu, it-18 ta' Diċembru 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-448/23 | Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Stħarriġ *ultra vires* tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni)

L-Istat tad-Dritt: il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka kisret diversi prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni billi injorat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali Pollakka ma tikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali, minħabba irregolaritajiet serji li vvizzjaw il-ħatra ta' tlieta mill-Imħallfin tagħha kif ukoll tal-President tagħha

F'żewġ sentenzi, il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka kienet iddikjarat li ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattati, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, imorru kontra l-Kostituzzjoni nazzjonali u kkwalifikat espliċitament il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ¹ bħala li tmur lil hinn mis-setgħat mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja (*ultra vires*). Peress li qieset li dawn is-sentenzi jiksru diversi prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, inkluża s-supremazija tiegħu, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Polonja. Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' dan ir-rikors u tiddeċiedi li l-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha minħabba li l-Qorti Kostituzzjonali Pollakka kisret il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u kisret kemm is-supremazija, l-awtonomija, l-effettività u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll l-effett vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' wkoll ir-rikors tal-Kummissjoni sa fejn dan kien jirrigwarda irregolaritajiet serji li jvvizzjaw il-ħatra ta' tliet imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka u tal-President tagħha, li jqiegħdu f'dubju l-istatus ta' din il-qorti kostituzzjonali bħala qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita bil-liġi fis-sens tad-dritt tal-Unjoni.

F'żewġ sentenzi mogħtija fl-14 ta' Lulju u fis-7 ta' Ottubru 2021, il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka kienet iddikjarat li ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattati, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, kienu inkompatibbli mal-Kostituzzjoni nazzjonali. Dawn is-sentenzi ngħataw fil-kuntest tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-indipendenza tal-qorti Pollakki.

Dawn iż-żewġ sentenzi ċaħdu, essenzjalment, il-ġurisdizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi lill-qorti nazzjonali sabiex jistħarrġu l-legalità tal-proċeduri ta' ħatra tal-Imħallfin, inklużi r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali Pollakk tal-Ġudikatura (iktar 'il quddiem il-"KRS"), u sabiex jagħtu deċiżjoni dwar in-natura vvizzjata ta' dawn il-proċeduri ². Barra minn dan, dawn ċaħdu l-miżuri provviżorji li l-Qorti tal-Ġustizzja imponiet kemm fir-rigward tal-organizzazzjoni u tal-ġurisdizzjoni tal-qorti Pollakki kif ukoll fir-rigward tal-proċedura quddiem dawn il-qorti. ³

Il-Kummissjoni Ewropea qieset li s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka jiksru kemm il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, il-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipju tal-effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u għalhekk ressqet rikors ⁴ għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Polonja.

Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni allegat ukoll li kien hemm irregolaritajiet li vvizzjaw il-ħatra ta' tliet Imħallfin ⁵ u tal-

President tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka ⁶. Hija sostniet li dik il-qorti ma kinitx tikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi.

Fis-sentenza tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' kompletament ir-rikors tal-Kummissjoni u tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tal-Polonja.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali Pollakka fis-7 ta' Ottubru 2021 tmur kontra l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva sa fejn, bi ksur tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija tiċħad il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali sabiex jistħarrġu l-legalità tal-proċeduri ta' ħatra tal-Imħallfin, inklużi r-risoluzzjonijiet ta' KRS li jipproponu kandidati għal din il-ħatra, u sabiex jagħtu deċiżjoni dwar in-natura vvizzjata ta' dawn il-proċeduri. Bl-istess mod, permezz tas-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2021, il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka kisret dan il-prinċipju billi rrifjutat li tirrikonoxxi l-effett vinkolanti tal-miżuri provviżorji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja kemm fir-rigward tal-organizzazzjoni u tal-ġurisdizzjoni tal-qorti Pollakki kif ukoll fir-rigward tal-proċedura quddiem dawn il-qorti.

Is-sentenzi kontenzjużi jikkontestaw ukoll il-karatteristiċi essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, peress li jiċħdu kemm il-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipju ta' effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja billi jipprekludu lill-awtoritajiet pubbliċi Pollakki milli japplikaw regoli tad-dritt primarju tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **I-Polonja ma tistax tinvoka l-identità kostituzzjonali tagħha** sabiex tevita l-osservanza tal-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 2 TUE, bħall-Istat tad-dritt, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-indipendenza ġudizzjarja. Fil-fatt, dawn il-valuri huma l-bażi tal-identità stess tal-Unjoni, li magħha aderixxiet b'mod liberu l-Polonja. **Wara l-adeżjoni, dawn il-valuri jikkonkretizzaw ruħhom permezz ta' obbligi legalment vinkolanti, li ma jistgħux jitneħħew mill-Istati Membri.**

Barra minn hekk, **il-qorti nazzjonali ma jistgħux jiddeterminaw unilateralment il-portata u l-limiti tal-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni.** Dawn il-kwistjonijiet neċessarjament jinvolvu interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, fis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni stabbilita mit-Trattati, dawn jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza tal-qorti tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-awtonomija u l-effettività tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jipprekludu kwalunkwe sħarriġ estern tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni b'mod definittiv u vinkolanti u li tistħarreġ l-legalità tal-atti tal-Unjoni. Id-dubji li l-qorti nazzjonali jistagħu jkollhom dwar il-portata tal-kompetenzi tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' atti tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-fatt li dan imur lil hinn mill-isfera ta' kompetenzi tal-Unjoni jew ukoll minħabba l-fatt li jikser ir-rekwiżit li l-Unjoni tosserva l-identità nazzjonali tal-Istati Membri ⁷, jistgħu jitneħħew biss fil-kuntest ta' dialogu mal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' proċedura ta' talba għal deċiżjoni preliminari. Dan jgħodd ukoll anki meta dawn id-dubji jkunu jirrigwardaw interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-ħatriet ta' tliet Imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka f'Diċembru 2015 u tal-President tagħha f'Diċembru 2016 kienu vvizzjati bi ksur ta' regoli fundamentali dwar il-proċeduri ta' ħatra fil-Polonja. Minħabba f'hekk, **il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' qorti stabbilita bil-liġi, indipendenti u imparzjali fis-sens tad-dritt tal-Unjoni.**

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jigħux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Stipulat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

² Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. et (Ħatra tal-Imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors) [C-824/18](#) (ara l-Istqarrija għall-istampa Nru. [31/21](#)) u tas-6 ta' Ottubru 2021, W. Ż. (Awla ta' sħarriġ straordinarju u affarijiet pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), [C-487/19](#) (ara l-Istqarrija għall-istampa Nru. [173/21](#)).

³ Id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja "Sistema dixxiplinari tal-Imħallfin" [C-791/19 R](#) (ara l-Istqarrija għall-istampa Nru. [47/20](#)), impona fuq il-Polonja l-obbligu li tissospendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jagħtu ġurisdizzjoni lill-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema sabiex tagħti deċiżjoni fil-kawża dixxiplinari li jirrigwardaw lill-imħallfin. Din il-miżura kienet intiża għall-ħarsien tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, sa fejn l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari kienu ġew ikkontestati.

⁴ Ara l-[Istqarrija għall-istampa](#) tal-Kummissjoni.

⁵ F'Diċembru 2015, it-tmien leġiżlatura tal-Parlament eleġġiet tliet persuni sabiex jissostitwixxu Mħallfin li l-mandat tagħhom kien skada, filwaqt li s-seba' leġiżlatura kienet diġà eleġġiet tliet Imħallfin oħra għal dawn l-istess karigi f'Ottubru 2015. Fis-sentenzi tagħha tat-3 u tad-9 ta' Diċembru 2015, Il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka ddeċidiet li l-elezzjoni tat-tliet imħallfin mit-tmien leġiżlatura kienet tmur kontra l-Kostituzzjoni. Madankollu, it-tliet imħallfin eletti f'Diċembru 2015 ħadu ġurament quddiem il-President tal-Polonja u ġew awtorizzati jippresjedu, filwaqt li l-imħallfin eletti f'Ottubru 2015 ma setgħux jibdew jaqdu l-kariga tagħhom.

⁶ L-Assemblea Ġenerali għall-ħatra tal-kandidati għal dawn il-karigi ġiet ikkonvokata fl-istess ġurnata li fiha din kellha ssejtni u mhux l-Imħallfin kollha kienu preżenti (wieħed kien assenti) Minn fost l-erbatax-il Imħallfex preżenti, tmienja rrifjutaw li jieħdu sehem fil-vot u talbu posponiment sabiex il-ħmistax-il Imħallfex ikun jista' jkun preżenti. Il-kandidat għall-presidenza, innominat iktar tard mill-President tal-Polonja, ġie elett b'ħames voti fosthom dawk tat-tliet Imħallfin li l-ħatra tagħhom kienet diġà kkontestata. Issa, ġie deċiż li l-preżentazzjoni tal-kandidati mhux sostnuti minn maġġoranza tal-Imħallfin tmur kontra l-Kostituzzjoni Pollakka.

⁷ Skont l-Artikolu 4(2) TUE.